KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fil-11 ta' Settembru 2014[1]

**Kawża C-419/13**

**Art & Allposters International BV**
**vs**
**Stichting Pictoright**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi)]

"Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati — Direttiva 2001/29/KE — Dritt ta' distribuzzjoni — Dritt esklużiv tal-awturi li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu kull forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku — Eżawriment — Dritt ta' riproduzzjoni — Forma ġdida"

1. Id-detentur tad-drittijiet tal-awtur ta' xogħol pittoriku li ta l-kunsens tiegħu sabiex l-immaġni rrappreżentata tiġi kkummerċjalizzata f'forma ta' poster jista' jopponi għall-kummerċjalizzazzjoni ta' din l-istess immaġni ttrasferita fuq tila? Din essenzjalment hija l-kwistjoni mqajma fil-proċeduri li taw lok għal din id-domanda preliminari u, li bil-għan li ssolviha, il-Hoge Raad toffri lill-Qorti Ġenerali l-possibbiltà li tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha relatata mad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni[2].

## I – Il-kuntest ġuridiku

### A – *Id-dritt internazzjonali*

1. It-Trattat tal-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprjetà Intellettwali (WIPO) dwar id-drittijiet tal-awtur[3].

2. Skont l-Artikolu 1(4) tat-Trattat, il-partijiet kontraenti għandhom jikkonformaw ruħhom mal-Artikolu 1 sa 21 u mal-Anness tal-Konvenzjoni ta' Berna għall-protezzjoni tax-xogħlijiet litterarji u artistiċi (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Berna")[4].

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230.

3 — Adottat f'Genève fl-20 ta' Diċembru 1996. Approvat f'isem il-Komunità permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Marzu 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 210).

4 — Konvenzjoni tad-9 ta' Settembru 1886, irriveduta f'Pariġi fl-24 ta' Lulju 1971 u emendata fit-28 ta' Settembru 1979.

3. L-Artikolu 6 tat-Trattat, taħt it-titolu "Dritt ta' distribuzzjoni", jipprovdi kif ġej:

"1. Awturi ta' xogħlijiet letterarji u artistiċi għandhom igawdu d-dritt esklużiv fuq l-awtorizzazzjoni li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku x-xogħol oriġinali tagħhom jew kopji ta' dan ix-xogħol permezz ta' bejgħ jew trasferiment ieħor tal-proprjetà.

2. Dan it-Trattat ma għandux jaffetwa l-libertà tal-Partijiet Kontraenti li jiddeterminaw, jekk iridu, kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' l-eżawriment tad-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 wara l-ewwel bejgħ ta' jew trasferiment ieħor tal-proprjetà fix-xogħol oriġinali jew f'kopja tax-xogħol bl-awtorizzazzjoni ta' l-awtur."

2. Il-Konvenzjoni ta' Berna

4. Taħt it-titolu "Drittijiet morali", l-Artikolu 6a tal-Konvenzjoni ta' Berna jistabbilixxi dan li ġej:

"1) Indipendentement mid-drittijiet patrimonjali tal-awtur, inkluż wara t-trasferiment ta' dawn id-drittijiet, l-awtur għandu jibqa' jkollu d-dritt li jirrivendika l-paternità tax-xogħol u li jopponi għal kull distorzjoni, mutilazzjoni jew bidla oħra fir-rigward ta' dan ix-xogħol jew għal kull attentat fir-rigward tal-istess xogħol li jkun ta' ħsara għall-unur jew għar-reputazzjoni tiegħu.

2) Id-drittijiet irrikonoxxuti lill-awtur bis-saħħa tal-paragrafu (1) għandhom jinżammu wara mewtu, ta' mill-inqas sal-estinzjoni tad-drittijiet patrimonjali tiegħu, u għandhom jiġu eżerċitati mill-persuni jew mill-istituzzjonijiet li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż li fih tiġi invokata l-protezzjoni tirrikonoxxilhom drittijiet. Madankollu, il-pajjiżi li l-leġiżlazzjoni fis-seħħ tagħhom fil-mument tar-rattifikazzjoni ta' dan l-att jew tal-adeżjoni miegħu, ma tkunx tinkludi dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni, wara l-mewt tal-awtur, tad-drittijiet kollha rrikonoxxuti bis-saħħa tal-paragrafu (1) iktar 'il fuq, għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu li xi wieħed jew xi wħud minn dawn id-drittijiet ma għandhomx jinżammu wara l-mewt tal-awtur.

3) Ir-rimedji legali għall-protezzjoni tad-drittijiet irrikonoxxuti f'dan l-artikolu huma rregolati mil-leġiżlazzjoni tal-pajjiż li fih tintalab il-protezzjoni."

5. Skont l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Berna intitolat "Dritt ta' adattament, ta' arranġament u ta' trasformazzjoni oħra", "l-awturi ta' xogħlijiet litterarji jew artistiċi jgawdu mid-dritt esklużiv li jawtorizzaw l-adattamenti, l-arranġamenti u t-trasformazzjonijiet l-oħra tax-xogħlijiet tagħhom".

B – *Id-dritt tal-Unjoni*

6. Il-premessa 9 tad-Direttiva 2001/29 tipprovdi li "[k]ull armonizzazzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati għandha tkun bażata fuq livell għoli ta' protezzjoni, għar-raġuni li dawn id-drittijiet huma kruċjali għall-kreazzjoni intellettwali. Il-protezzjoni tagħhom tgħinhom jiżguraw it-tkomplija u l-iżvilupp tal-kreattivita fl-interessi ta' l-awturi, artisti, produtturi, konsumaturi, kultura, industrija u l-pubbliku in ġenerali. Proprjetà intellettwali ġiet għalhekk rikonoxxuta bħala parti integrali ta' [tad-dritt ta'] proprjetà".

7. Skont il-premessa 10 tad-Direttiva, "[j]ekk awturi jew artisti għandhom ikomplu bix-xogħol kreattiv u artistiku tagħhom, huma għandhom jirċievu kumpens xieraq għall-użu tax-xogħol tagħhom, kif għandhom jirċievu produtturi sabiex ikunu jistgħu jiffinanzjaw xogħolhom. [...] Protezzjoni legali adegwata għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali hija meħtieġa sabiex tiggarantixxi d-disponibbiltà ta' dan il-kumpens u tipprovdi l-opportunità għal profitti sodisfaċenti ta' dan l-investiment".

8. Skont il-kliem tal-premessa 28 tad-Direttiva, "[i]l-protezzjoni tad-drittijiet ta' l-awtur skond din id-Direttiva tinkludi d-dritt esklussiv biex tikkontrolla d-distribuzzjoni tax-xogħol inkorporat f'oġġett [*media*] tanġibbli. L-ewwel bejgħ fil-Komunità ta' l-oriġinal ta' xogħol jew kopji tiegħu mid-detentur tad-drittijiet jew bil-kunsens tiegħu jeżawrixxi d-dritt li jikkontrolla bejgħ mill-ġdid ta' dak l-oġġett fil-Komunità. Dan id-dritt m'għandux jiġi eżawrit rigward l-oriġinal jew il-kopji tiegħu mibjugħa mid-detentur jew bil-kunsens tiegħu barra mill-Komunità. [...]".

9. Il-premessa 31 tad-Direttiva tipprovdi li "[b]ilanċ ġust ta' drittijiet u interessi bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet, kif ukoll bejn il-kategoriji differenti ta' detenturi ta' drittijiet u utentu ta' materjal protett għandhom ikunu salvagwardati. L-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet eżistenti tad-drittijiet kif stipulati mill-Istati Membri għandhom ikunu stmati mill-ġdid fl-isfond ta' l-ambjent elettroniku ġdid. Differenzi eżistenti fl-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet ta' ċerti atti ristretti għandhom effetti diretti negattivi fuq il-funzjonament tas-suq intern tad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati. Dawn id-differenzi jistgħu faċilment isiru aktar notevoli bħala riżultat ta' żvilupp akbar ta' sfruttament ta' xogħolijiet li jaqsam il-fruntieri u attivitajiet transperiferali. Sabiex jiżguraw il-funzjonament sew tas-suq intern, dawn l-eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għandhom ikunu mfissra aktar armonjożament. Il-grad ta' armonizzazzjoni tagħhom għandu jkun ibbażat fuq l-impatt tagħhom fuq il-funzjonament faċli tas-suq intern".

10. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29, taħt it-titolu "Dritt ta' riproduzzjoni" jipprovdi li "[l]-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt esklussiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parti: (a) għall-awturi, tax-xogħolijiet tagħhom; [...]"

11. L-Artikolu 4 tal-istess direttiva, bit-titolu "Dritt ta' Distribuzzjoni", jipprovdi kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-awturi, rigward l-oriġinal tax-xogħolijiet tagħhom jew tal-kopji tagħhom, id-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku b'bejgħ jew mod ieħor.

2. Id-dritt ta' distribuzzjoni m'għandux jiġi eżawrit fil-Komunità rigward l-oriġinal jew kopji tax-xogħol, bla ħsara fejn l-ewwel bejgħ jew trasferiment ieħor ta' sidien fil-Komunità ta' dak l-oġġett isir mid-detentur jew bil-kunsens tiegħu."

C – *Id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi*

12. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29 ġie traspost fid-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi permezz tal-Auteurswet (liġi dwar id-drittijiet tal-awtur; iktar 'il quddiem l-"Aw").

13. L-Artikolu 1 tal-Aw jiddefinixxi d-drittijiet tal-awtur bħala d-dritt esklużiv tal-awtur ta' xogħol litterarju, xjentifiku jew artistiku, jew tal-aventi kawża tiegħu, li jirrendih pubbliku jew li jirriproduċih, bla ħsara għal-limitazzjonijiet previsti mil-liġi.

14. Skont l-Artikolu 12(1) tal-Aw pubblikazzjoni ta' xogħol litterarju, xjentifiku jew artistiku tfisser "il-pubblikazzjoni ta' riproduzzjoni tax-xogħol, totalment jew parzjalment [...]"

15. Skont l-Artikolu 12b tal-Aw, jekk kopja ta' xogħol litterarju, xjentifiku jew artistiku tkun tqegħdet f'ċirkulazzjoni għall-ewwel darba fi Stat Membru mill-awtur tagħha jew mill-aventi kawża tiegħu jew bil-kunsens tiegħu, it-tqegħid fiċ-ċirkulazzjoni ta' din il-kopja b'mod ieħor, bl-eċċezzjoni tal-kiri u tas-self, ma jikkostitwixxix ksur tad-drittijiet tal-awtur.

## II – **Il-fatti**

16. Stichting Pictoright (iktar 'il quddiem "Pictoright") hija kumpannija Olandiża għall-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur li tiddefendi, fost oħrajn, id-drittijiet tal-eredi ta' pitturi magħrufa (iktar 'il quddiem, id-"detenturi tad-drittijiet").

17. Art & Allposters International BV (iktar 'il quddiem "Allposters"), tikkummerċjalizza, permezz tal-internet, posters u riproduzzjonijiet oħra ta' xogħlijiet ta' dawn l-artisti.

18. Persuni li jixtiequ jordnaw riproduzzjoni artistika mingħand Allposters jistgħu jagħżlu bejn poster, poster fi kwadru, poster fuq l-injam jew poster fuq it-tila. F'dan l-aħħar każ, il-proċess ta' riproduzzjoni huwa s-segwenti: tiġi applikata kisja tal-plastik fuq poster tal-karta, l-immaġni tal-poster tiġi ttrasferita fuq it-tila permezz tal-użu ta' proċess kimiku u t-tila tiġi stirata fuq kwadru tal-injam. Dan il-proċess u r-riżultat tiegħu jissejħu "canvas transfer" ("trasferiment fuq it-tila)".

19. Peress li Allposters naqset milli tosserva t-talba ta' Pictoright sabiex hija tieqaf milli tbigħ mingħajr il-kunsens tagħha riproduzzjonijiet ta' xogħlijiet tal-klijenti tagħha miksuba permezz ta' dan il-proċess, Pictoright fetħet kawża kontra Allposters quddiem ir-Rechtbank Roermond (qorti tal-Prim'Istanza ta' Roermond) sabiex tikseb il-waqfien ta' kull ksur, dirett jew indirett, tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet morali tad-detenturi tad-drittijiet.

20. Ir-rikors ġie miċħud permezz ta' sentenza tat-22 ta' Settembru 2010, li Pictoright appellat minnha quddiem il-Gerechtshof te's-Hertogenbosch (qorti tal-appell ta' Hertogenbosch), li min-naħa tagħha laqgħet l-appell permezz ta' sentenza tat-3 ta' Jannar 2012. Il-qorti tal-appell bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza stabbilita mill-Hoge Raad f'sentenza tad-19 ta' Jannar 1979[5], li abbażi tagħha jkun hemm tqegħid ġdid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, fis-sens tal-Artikolu 12 tal-Aw, jekk il-kopja kkummerċjalizzata mid-detentur tad-dritt tiġi żvelata lill-pubbliku taħt forma oħra, u b'hekk tagħti lok għal possibbiltà ġdida ta' esplojtazzjoni għall-benefiċċju tal-persuni li jikkummerċjalizzaw din il-forma ġdida tal-kopja oriġinarjament iddistribwita (l-hekk imsejħa "ġurisprudenza Poortvliet"). Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, il-qorti tal-appell ikkonkludiet li, sa fejn it-trasferimenti fuq it-tila jammontaw għal bidla radikali fir-rigward tal-posters li l-immaġni tagħhom tiġi ttrasferita, il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom teħtieġ il-kunsens tad-detenturi tad-drittijiet.

21. Allposters ippreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem il-Hoge Raad, fejn għad-difiża tagħha sostniet li l-ġurisprudenza Poortvliet kienet ġiet applikata ħażin, peress li l-kunċetti ta' eżawriment u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, relatati mad-drittijiet tal-awtur, kienu sadattant ġew armonizzati fuq livell Ewropew. Fl-opinjoni tagħha, l-eżawriment fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/29 iseħħ biss fil-mument tad-distribuzzjoni ta' xogħol inkorporat f'oġġett tanġibbli jekk din il-kopja hija kkummerċjalizzata mid-detentur jew bil-kunsens tiegħu. Bidla eventwali sussegwenti fir-rigward tal-kopja jew tal-oġġett ma jkollha ebda konsegwenza fuq l-eżawriment.

22. Pictoright, min-naħa tagħha sostniet li d-dritt ta' adattament ma ġiex armonizzat u, għalhekk, il-ġurisprudenza Poortvliet tibqa' applikabbli. F'kull każ, hija tqis li din il-ġurisprudenza — b'mod partikolari, l-idea li bidla (sostanzjali) fir-rigward tal-materjal teskludi l-eżawriment — tikkonforma bla problema ta' xejn mad-dritt tal-Unjoni.

23. F'dawn iċ-ċirkustanza, il-Hoge Raad ressqet din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

5 — NJ 1979/412, Poortvliet.

## III – **Id-domandi magħmula**

24. Id-domandi preliminari, magħmula fil-24 ta' Lulju 2013, jipprovdu kif ġej:

"1) L-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur jirregola l-kwistjoni ta' jekk id-dritt ta' distribuzzjoni tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur jistax jiġi eżerċitat fir-rigward ta' riproduzzjoni ta' xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur li jkun inbiegħ u ġie kkunsinnat fiż-Żona Ekonomika Ewropea mid-detentur tad-drittijiet jew bil-kunsens tiegħu, meta din ir-riproduzzjoni tkun ġiet sussegwentement mibdula fir-rigward tal-forma tagħha u tiġi kkummerċjalizzata mill-ġdid f'din il-forma?

2 (a) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 1, il-fatt li jkun hemm bidla bħal dik imsemmija fid-domanda 1 għandu impatt fuq ir-risposta għall-kwistjoni ta' jekk l-eżawriment, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, ikunx prekluż jew interrott [?]

(b) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 2(a), liema huma l-kriterji li permezz tagħhom jista' jiġi ddeterminat jekk tkunx involuta bidla tal-forma ta' riproduzzjoni li tipprekludi jew tinterrompi l-eżawriment fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur?

(c) Dawn il-kriterji jippermettu l-applikazzjoni tal-kriterju żviluppat fid-dritt nazzjonali tal-Pajjiżi l-Baxxi fis-sens li ma jkunx għad hemm eżawriment minħabba s-sempliċi fatt li l-persuna li tbiegħ mill-ġdid tkun tat forma oħra lir-riproduzzjonijiet u tkun iddistribwiethom lill-pubbliku f'din l-forma (sentenza tal-Hoge Raad tad-19 ta' Jannar 1979, [...], Poortvliet)?"

## IV – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

25. Il-partijiet fil-proċeduri prinċipali, il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni intervenew fil-proċeduri billi ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Dawn kollha, kif ukoll il-Gvern tar-Renju Unit, kienu preżenti għas-seduta, li nżammet fit-22 ta' Mejju 2014. F'din is-seduta, u skont l-Artikolu 61(1) u (2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-partijiet ġew mistiedna jwieġbu tliet mistoqsijiet: (1) Il-possibbiltà li t-trasferiment fuq it-tila jitqies bħala adattament tax-xogħol fis-sens tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Berna. (2) L-eventwali rilevanza — għall-evalwazzjoni tal-eżawriment tad-dritt ta' distribuzzjoni — tal-prinċipju ta' remunerazzjoni xierqa fil-każ li l-bidla żżid il-prezz tal-oġġett li jinkludi x-xogħol protett. (3) L-eventwali rilevanza tad-drittijiet morali għall-interpretazzjoni tar-regola ta' eżawriment.

## V – **Allegazzjonijiet**

### A – *L-ewwel domanda preliminari*

26. Fir-rigward tal-ewwel domanda preliminari magħmula, Allposters tippreċiża, bħala kwistjoni preliminari, li l-espressjoni "mibdula fir-rigward tal-forma tagħha" għandha tinftiehem bħala t-trasformazzjoni tal-*media* użata għax-xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur u mhux tal-immaġni ta' dan ix-xogħol. Dan premess, hija ssostni li d-domanda għandha tiġi risposta fl-affermattiv. Fl-opinjoni tagħha, f'dan il-każ ma huwiex ix-xogħol li ġie mibdul, iżda l-*media* tiegħu, u għaldaqstant huwa applikabbli l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/29, li armonizza kompletament kemm id-dritt ta' distribuzzjoni (paragrafu (1)), kif ukoll ir-regola dwar l-eżawriment (paragrafu (2)), b'mod li l-Istati Membri ma għandhom ebda marġni sabiex jintroduċu eċċezzjonijiet.

27. Pictoright, min-naħa tagħha, hija inklinata lejn risposta fin-negattiv, peress li, fl-opinjoni tagħha, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/29 jirreferi biss għall-każ li fih ma tkun saret ebda bidla fir-rigward tar-riproduzzjoni tax-xogħol protett. F'dan is-sens hija tallega li mill-kliem tal-Artikolu 4(2) jirriżulta li r-regola tal-eżawriment tirreferi għall-"oġġett", jiġifieri għall-"oriġinal jew kopji tax-xogħol", u li dan il-kunċett ma jinkludix ir-riproduzzjonijiet ittrasferiti fuq it-tila, peress li dawn huma sostanzjalment differenti mill-oriġinali jew mill-kopji tagħhom minħabba l-bidliet sostanzjali li l-posters isirilhom matul il-proċess ta' trasferiment fuq it-tila.

28. Pictoright tirreferi għall-ġurisprudenza u għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tad-dritt tat-trade marks, filwaqt li tinvoka l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2008/95/KE [6], u l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [7], li prattikament it-tnejn li huma jipprovdu li l-eżawriment tad-dritt mogħti mit-trade mark "m'għandux japplika meta l-proprjetarju jkollu raġunijiet leġittimi biex jopponi li l-prodotti jkomplu jiġu kumerċjalizzati, speċjalment meta l-kundizzjoni tal-prodotti tinbidel jew issirilha l-ħsara wara li jitqiegħdu fis-suq". Abbażi ta' dan, hija tqis li d-dritt ta' adattament fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur ma ġiex armonizzat mill-Unjoni, anki jekk din tal-aħħar, billi approvat it-Trattat tal-WIPO, impenjat ruħha li tosserva l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Berna, li jirrikonoxxi lill-awturi ta' xogħlijiet letterarji jew artistiċi d-dritt esklużiv li jawtorizzaw l-adattamenti, l-arranġamenti jew it-trasformazzjonijiet l-oħra tax-xogħlijiet tagħhom.

29. Il-Gvern Franċiż illimita l-allegazzjonijiet tiegħu għal din l-ewwel domanda, li huwa jqis li għandha tiġi risposta flimkien mad-domanda 2(a) magħmula. Fl-opinjoni tiegħu, mill-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2001/29, moqri fid-dawl tal-premessa 28 ta' din tal-aħħar, jirriżulta li l-awtur tax-xogħol protett għandu d-dritt esklużiv li jawtorizza jew li jipprojbixxi l-ewwel forma ta' distribuzzjoni, permezz tal-bejgħ jew ta' kwalunkwe mezz ieħor, ta' kull beni materjali jew ta' kull oġġett li fih ikun hemm inkorporat ix-xogħol jew kopja tiegħu. Għaldaqstant, id-dritt ta' distribuzzjoni jkun eżawrit biss jekk id-detentur tad-dritt ikun wettaq jew ikkunsenta l-ewwel bejgħ jew l-ewwel trasferiment ta' proprjetà ta' din il-beni materjali jew ta' dan l-oġġett.

30. Fir-rigward ta' dan il-każ, il-Gvern Franċiż iqis li t-trasferiment fuq it-tila ta' xogħol jew ta' kopja ta' xogħol jammonta għall-ħolqien ta' oġġett ġdid li r-riproduzzjoni u d-distribuzzjoni tiegħu għandhom jiġu awtorizzati jew ipprojbiti mid-detentur tad-drittijiet esklużivi. Il-fatt li x-xogħol kien ġie kkummerċjalizzat taħt forma oħra ma eżawrixxiex id-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni tad-detentur tad-dritt fir-rigward tal-oġġett il-ġdid.

31. Skont il-Gvern Franċiż, din l-interpretazzjoni hija l-unika waħda li hija konformi mal-għan tad-Direttiva 2001/20 li huwa li jiġi ggarantit lill-awturi livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tagħhom u li tiġi ggarantita lill-istess awturi remunerazzjoni xierqa għall-użu tax-xogħlijiet tagħhom. Din l-interpretazzjoni hija sostnuta mill-fatt li l-operazzjoni ta' trasferiment fuq it-tila ma taffettwax biss id-dritt esklużiv ta' distribuzzjoni tal-awturi, iżda wkoll aspetti oħra tad-drittijiet tal-awtur, bħad-drittijiet esklużivi ta' riproduzzjoni u ta' adattament, anki jekk dan tal-aħħar ma huwiex formalment irrikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni.

32. Il-Gvern tar-Renju Unit sostna waqt is-seduta pubblika li l-kunċett ta' distribuzzjoni lill-pubbliku jkopri biss l-atti relatati mat-trasferiment tal-proprjetà tal-oġġett. Id-diffikultà tista' tqum meta, wara t-tqegħid tal-oġġett fis-suq bl-awtorizzazzjoni tal-awtur, dan jiġi mibdul b'mod li, għalkemm jinħoloq oġġett differenti, ix-xogħol oriġinali ma jiġix affettwat, bħal fil-każ ta' *collage* magħmul minn ritratti ppubblikati f'rivista. Madankollu, fl-opinjoni ta' dan il-gvern, f'dawn it-tipi ta' każijiet id-dritt ta' distribuzzjoni jkun diġà eżawrit.

6 — Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat- 22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 299, p. 25).

7 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

33. Il-Gvern tar-Renju Unit iqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun prudenti ħafna fir-rigward tad-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-eżawriment ta' dan id-dritt. Fl-opinjoni tiegħu, ma għandux jiġi konkluż li ma hemmx eżawriment meta l-kopji ta' xogħol jintużaw mill-ġdid jew meta dawn jiġu rriċiklati taħt forom differenti. Fl-opinjoni tiegħu, il-kwistjoni essenzjali, ladarba jkun sar l-ewwel bejgħ awtorizzat ta' oġġett, hija li jsir magħruf jekk il-produzzjoni ta' artiklu ġdid tammontax għal riproduzzjoni mhux awtorizzata tal-kreazzjoni intellettwali tal-awtur. Jekk dan ma jkunx il-każ, xejn ma jimpedixxi lix-xerrej milli juża l-artiklu bil-mod li huwa jqis opportun.

34. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha, tipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/29 japplika għal sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali u, b'mod partikolari, li d-detenturi tad-drittijiet ikkonċernati jistgħu, bħala prinċipju, jinvokaw id-dritt ta' distribuzzjoni ddefinit fl-Artikolu 4(1). Fl-opinjoni tagħha, id-dritt ta' distribuzzjoni għandu jiġi interpretat b'mod estensiv, fid-dawl kemm tal-espressjonijiet "kull forma ta' distribuzzjoni" u "l-oriġinal tax-xogħolijiet tagħhom jew tal-kopji tagħhom" użati fl-Artikolu 4(1), kif ukoll tal-għan imfittex mid-Direttiva 2001/29, li huwa li jiġi ggarantit lill-awturi livell għoli ta' protezzjoni.

35. Il-Kummissjoni tqis li l-bidla fir-rigward tal-forma li tirriżulta mit-trasferiment fuq it-tila ma tipprekludix li r-riżultat jitqies bħala "kopja" ta' xogħol fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29. Skont il-bidla, ir-riżultat ikun, jew kopja identika għall-poster, jew riproduzzjoni ġdida tax-xogħol oriġinali li xorta waħda għandha titqies bħala "kopja". Fl-opinjoni tagħha, id-detentur tad-drittijiet ikollu, fiż-żewġ każijiet, dritt esklużiv sabiex jawtorizza jew sabiex jipprojbixxi d-distribuzzjoni tar-riżultat tat-trasferiment fuq it-tila.

B – *It-tieni domanda preliminari*

36. Allposters tipproponi li tingħata risposta negattiva għad-domanda 2(a). Fl-opinjoni tagħha, l-interruzzjoni tar-regola tal-eżawriment fil-każ ta' bidla fir-rigward tal-*media* tax-xogħol protett hija kuntrarja għall-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija u għar-*ratio* tad-drittijiet tal-awtur. Il-possibbiltà li l-oġġett protett jiġi esplojtat kummerċjalment hija għaldaqstant limitata għall-ewwel tixrid tiegħu, fatt li jiggarantixxi profitt lid-detentur tad-dritt.

37. Allposters tenfasizza li fil-kamp tad-drittijiet tal-awtur issir distinzjoni bejn il-"corpus mecanicum" (l-oġġett korporali) u l-"corpus mysticum" (il-kreazzjoni immaterjali), fejn din tal-aħħar biss tikkostitwixxi x-xogħol fis-sens tad-drittijiet tal-awtur u tibbenefika mill-protezzjoni tagħhom. Skont Allposters, il-kontenut tax-xogħol għandu jitqies indipendentement mill-*media* tiegħu, li ma hijiex element tal-"kreazzjoni intelletwali stess". Fl-opinjoni tagħha, fil-każ inkwistjoni, it-trasferiment fuq it-tila jammonta għal bidla fir-rigward tal-"*corpus mechanicum*" sa fejn il-karta hija ssostitwita bit-tila, madankollu l-"*corpus mysticum*" jibqa' l-istess. Sa fejn, mil-lat tad-drittijiet tal-awtur, ir-riproduzzjoni tax-xogħol protett ma nbidlitx, il-bdil fir-rigward tal-*media* tiegħu ma għandu ebda influwenza fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regola tal-eżawriment u ma jinterrompihiex.

38. Allposters tqis li dak li ntqal preċedentement jinbidel biss fil-każ eċċezzjonali li l-bidla fir-rigward tal-*media* tkun tikser id-drittijiet morali tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur, li jipproteġu x-xogħol fl-intier tiegħu u li, skont il-ġurisprudenza, jestendu kemm għax-xogħlijiet oriġinali kif ukoll għar-riproduzzjonijiet tagħhom, mingħajr ma huma limitati għall-ewwel kummerċjalizzazzjoni tax-xogħol. Madankollu, fl-opinjoni tagħha, dan ma huwiex il-każ fil-każ preżenti.

39. Peress li hija tipproponi li tingħata risposta fin-negattiv għad-domanda 2(a), Allposters tastjeni milli tirrispondi għad-domandi 2(b) u (c), għalkemm hija tallega li l-ġurisprudenza Poortvliet ma hijiex applikabbli u hija kuntrarja għall-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/29.

40. Fid-dawl tal-proposta tagħha fir-rigward tal-ewwel domanda, Pictoright tagħmel sottomissjonijiet fir-rigward tat-tieni domanda b'mod sussidjarju biss, u ssostni li bidla fir-rigward tax-xogħol għandha bħala konsegwenza li tipprekludi jew li tinterrompi l-eżawriment tad-dritt ta' distribuzzjoni. F'dan ir-rigward, hija tfakkar li d-Direttiva 2001/29 tieħu bħala punt tat-tluq livell ta' protezzjoni għoli u li, barra minn hekk, l-eżawriment, bħala limitazzjoni tad-dritt ta' distribuzzjoni tad-detentur tad-dritt, għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv.

41. Fl-opinjoni tagħha, id-detentur tad-drittijiet tal-awtur mhux biss għandu d-dritt li jiddeċiedi *jekk*, iżda wkoll *taħt liema forma* huwa jixtieq iqiegħed ix-xogħol tiegħu fiċ-ċirkulazzjoni, b'mod li huwa jista' jimponi kundizzjonijiet fuq il-liċenzji li huwa jagħti. Skont Pictoright, b'analoġija mad-dritt tat-trade marks tal-Unjoni, xejn ma jiġġustifika li d-detentur tad-drittijiet tal-awtur għandu jittollera kummerċjalizzazzjoni sussegwenti tax-xogħol tiegħu — jew ta' kopja ta' dan ix-xogħol — ladarba l-istat tar-riproduzzjoni tax-xogħol tiegħu jkun ġie mibdul, għaliex, inkella, ikun jista' jiġi kkawżat dannu reali fir-rigward tar-reputazzjoni tal-artist u fir-rigward tal-esklużività tax-xogħol tiegħu, fatt li ma jkunx kompatibbli mal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Berna.

42. Fir-rigward tad-domanda 2(b) u (c), Pictoright tqis li, bi qbil mas-sentenza Peek & Cloppenburg [8], l-Istati Membri għandhom jingħataw l-għażla fir-rigward tal-kriterji li huma jixtiequ japplikaw sabiex jiddeterminaw jekk kienx hemm bidla fir-rigward tal-forma ta' riproduzzjoni li tipprekludi jew li tinterrompi l-eżawriment fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/29.

43. B'mod sussidjarju, Pictoright tipproponi jew li jiġu stabbiliti l-kriterji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Berna li jagħti lill-awtur ta' xogħol id-dritt esklużiv li jawtorizza kull adattament, arranġament jew trasformazzjoni ta' dan ix-xogħol, jew li jiġu stabbiliti kriterji simili għal dawk tal-Artikolu 6a tal-istess konvenzjoni, li jipprovdi li jkun hemm bidla fir-rigward tal-forma tar-riproduzzjoni li tista' tipprekludi jew tinterrompi l-eżawriment jekk il-bidla inkwistjoni tkun kuntrarja għad-drittijiet morali tal-awtur fis-sens tal-imsemmi Artikolu 6a. Fl-opinjoni tagħha, dawn il-kriterji jagħtu marġni ta' manuvra sabiex tiġi applikata l-ġurisprudenza Poortvliet.

44. Il-Gvern tar-Renju Unit iqis li l-adattament ta' xogħol jimplika forma ta' riproduzzjoni tal-istess xogħol, iżda li dan ma huwiex il-każ fil-każ tat-trasferiment fuq it-tila, peress li t-trasferiment ma jimplikax kreazzjoni u oriġinalità suffiċjenti. Barra minn hekk, fl-opinjoni tiegħu, sa fejn ma hemmx riproduzzjoni, iż-żieda fil-prezz tal-oġġett li fih ikun inkorporat ix-xogħol protett tkun irrilevanti, peress li r-remunerazzjoni xierqa tkun diġà ġiet riċevuta mill-bejgħ tal-oġġett oriġinali. Fl-aħħar nett, id-drittijiet morali lanqas ma għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-għanijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/29.

45. Il-Kummissjoni tirreferi b'mod konġunt għat-tliet mistoqsijiet tat-tieni domanda u tipproponi, l-ewwel nett, li l-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-regola tal-eżawriment prevista fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/29 jiġi analizzat abbażi tal-interpretazzjoni tal-kelma "oġġett" użata f'dan l-artikolu. Abbażi ta' interpretazzjoni litterali, leġiżlattiva, komparattiva u ġurisprudenzjali, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kelma "oġġett" għandha tinftiehem bħala xogħol, jew kopja tal-istess xogħol, inkorporat f'beni materjali, li jirrappreżenta kreazzjoni intellettwali tal-awtur li d-Direttiva 2001/29 trid tiżgura l-protezzjoni ġuridika tagħha.

46. Il-Kummissjoni tqis, sussegwentement, li bidla fir-rigward tal-forma tikkostitwixxi kriterju importanti sabiex jiġi evalwat l-eżawriment. Jekk il-forma tal-"oġġett" tkun inbidlet wara l-ewwel bejgħ tiegħu fiż-ŻEE mwettaq bil-kunsens tad-detentur tad-drittijiet, il-kriterju deċiżiv sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx eżawriment jew le huwa jekk, wara din il-bidla, dan jibqax l-istess beni materjali li tirrappreżenta l-kreazzjoni intellettwali tal-awtur jew jekk il-bidla hijiex tali li dan huwa beni materjali

8 — Sentenza (C-456/06, EU:C:2008:232), punti 31 u 34.

oħra b'forma differenti li tirrappreżenta din il-kreazzjoni. Fl-ewwel każ, id-distribuzzjoni tkun koperata bil-kunsens mogħti preċedentement. Fit-tieni każ, ma jkunx hemm eżawriment u l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet li d-Direttiva 2001/29 trid tipproteġi jiġġustifikaw l-eċċezzjoni għall-moviment liberu tal-merkanzija.

47. Fir-rigward tal-possibbiltà li tiġi applikata l-ġurisprudenza Poortvliet, il-Kummissjoni tallega li, skont il-ġurisprudenza, f'każ bħal dak inkwistjoni f'din il-kawża, il-kwistjoni tal-eżawriment hija rregolata kompletament mid-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina sa fejn din il-ġurisprudenza hija kompatibbli mad-Direttiva 2001/29, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, u li għandha tiggarantixxi l-effikaċja totali tad-dritt tal-Unjoni.

## VI – **Evalwazzjoni**

48. Fi ftit kliem, id-domanda fundamentali magħmula f'dawn il-proċeduri hija jekk il-kunsens mogħti għad-distribuzzjoni tar-riproduzzjoni ta' xogħol tal-arti f'forma ta' poster jinkludix ukoll id-distribuzzjoni tiegħu f'forma ta' tila.

### A – *Kunsiderazzjonijiet preliminari*

49. Skont l-espożizzjoni tal-fatti tal-kawża prinċipali li tinsab fid-digriet tar-rinviju ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, kif ukoll skont l-informazzjoni pprovduta mill-partijiet fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom u waqt is-seduta pubblika, jirriżulta b'mod ċar li ma hemm ebda rabta kummerċjali bejn Pictoright u Allposters. Ċertament id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur awtorizzaw ir-riproduzzjoni tal-pitturi kkontestati f'forma ta' poster, iżda ma kinitx Allposters li kisbet dan id-dritt. Allposters tikseb fis-suq il-posters ikkummerċjalizzati mill-persuni li ġew awtorizzati jirriproduċu f'din il-forma l-pitturi kkontestati u, bl-użu tal-istess pitturi, tipproduċi t-tili li hija toffri, min-naħa tagħha, għall-bejgħ fis-suq.

50. Bl-istess mod jirriżulta b'mod ċar li, għal dak li jirrigwarda l-posters infushom, id-dritt ta' distribuzzjoni ġie l-iktar tard eżawrit meta Allposters xtrat dawn l-istess posters. Il-problema hija li Allposters tagħmel riproduzzjonijiet fuq it-tila, u b'mod iktar preċiż bl-użu ta' posters li fir-rigward tagħhom id-dritt ta' distribuzzjoni ġie eżawrit. Minn dan jirriżulta li l-attività ta' Allposters ma hijiex limitata għad-distribuzzjoni, mingħajr ma jitwettaq qabel xogħol ta' manipulazzjoni bl-użu tal-imsemmija posters li minnhom jirriżulta prodott, li nistgħu ngħidu, huwa differenti.

51. Minn dan il-lat wieħed jista' jistaqsi jekk setgħetx tqum problema relatata mad-dritt ta' riproduzzjoni, jiġifieri, jekk Allposters akkwistatx legalment jew le d-dritt li tirriproduċi dawn ix-xogħlijiet fuq it-tila, irrispettivament minn jekk din għamlitux direttament jew permezz tal-manipulazzjoni tar-riproduzzjonijiet fuq il-karta.

52. Ma huwiex f'dawn it-termini li l-qorti tar-rinviju tagħmel id-domanda tagħha dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2001/29, jiġifieri, f'termini ta' dritt ta' riproduzzjoni. Id-domanda hija magħmula fir-rigward tad-dritt ta' distribuzzjoni, jiġifieri, jekk Pictoright tistax tinvoka, bħala dritt "mhux eżawrit", id-dritt li tikkontrolla d-distribuzzjoni tax-xogħlijiet pittoriċi inkwistjoni bħala bażi għat-talba tagħha intiża sabiex tiġi pprojbita l-kummerċjalizzazzjoni tax-xogħlijiet tagħha fuq *media* magħmula mid-drapp.

53. Għalhekk, il-konklużjonijiet tiegħi ser jipprexindu minn kull kunsiderazzjoni bbażata fuq id-dritt ta' riproduzzjoni rrikonoxxut fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/29 sabiex id-domanda interpretattiva magħmula mill-Hoge Raad tiġi analizzata hekk kif hija stess għamlitha, jiġifieri, mill-perspettiva tad-dritt ta' distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 4 tal-istess direttiva.

B – *L-ewwel domanda*

54. Pictoright issostni li t-trasferiment fuq it-tila jammonta għal bidla "fix-xogħol oriġinali jew f'kopja tax-xogħol" u, għaldaqstant, jinvolvi "adattament" tax-xogħol, b'mod li l-kwistjoni taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/29, li ma tinkludix id-dritt ta' adattament. Fi kliem ieħor, skont Pictoright it-trasferiment fuq it-tila jaffettwa x-*xogħol* u mhux biss l-*oġġett* jew il-*media* materjali li fiha dan ix-xogħol huwa inkorporat.

55. Għall-kuntrarju, Allposters, il-Kummissjoni u l-Gvern Franċiż isostnu li t-trasferiment fuq it-tila jammonta għal bidla fir-rigward tal-*oġġett* jew tal-*media* materjali, b'mod li dan huwa każ ta' "distribuzzjoni" u mhux ta' "adattament", u għaldaqstant id-Direttiva 2001/29 hija applikabbli.

56. Għaldaqstant hemm lok li l-ewwel nett jiġi ddeterminat jekk il-każ inkwistjoni li għandu jiġi deċiż mill-qorti tar-rinviju jikkostitwixxix jew le "adattament" tax-xogħol, għaliex f'dan il-każ id-Direttiva 2001/29 ma tkunx applikabbli, peress li din ma tirregolax dak li huwa msejjaħ "dritt ta' adattament", li huwa ggarantit, fil-kuntest tal-Unjoni, mill-Konvenzjoni ta' Berna.

57. L-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Berna jirriżerva lill-awturi d-"dritt esklużiv li jawtorizzaw l-adattamenti, l-arranġamenti u t-trasformazzjonijiet l-oħra tax-xogħlijiet tagħhom". Fl-opinjoni tiegħi, il-każ inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jikkorrispondix għal każ ta' "adattament". L-"adattament" proprjament jaffettwa x-"xogħol" inkwantu dan huwa r-riżultat ta' kreazzjoni artistika. Il-każ tipiku jkun l-*adattament* għaċ-ċinema ta' xogħol litterarju, proċess li permezz tiegħu l-prodott artistiku tal-ġenju litterarju jinqaleb fi prodott tal-arti ċinematografika, jiġifieri, f'manifestazzjoni artistika li *toħloq mill-ġdid* il-kontenut ta' dan ix-xogħol f'lingwaġġ u f'univers kunċettwali separati, differenti minn dawk li fihom dan ix-xogħol oriġinarjament inħoloq.

58. Wieħed mill-elementi essenzjali tal-"adattament" bħala proċess ta' aġġustament tal-kontenut tal-kreazzjoni artistika għall-metodi ta' espressjoni speċifiċi għal tipi ta' arti differenti jinsab fid-diversità tal-*lingwaġġi* u tat-*tekniki* artistiċi. Element essenzjali ieħor tiegħu jikkonċerna l-adattament bħala teknika ta' manifestazzjoni kreattiva li tipprova *tintervjeni* fix-xogħol innifsu iktar milli sabiex taġġusta x-xogħol għall-karatteristiċi espressivi ta' lingwaġġ artistiku ieħor, billi tittrasforma x-xogħol, fil-lingwaġġ tiegħu stess, f'xogħol differenti, sa fejn dan jista' jiġi rrikonoxxut fl-espressjoni oriġinali tiegħu biss b'mod vag.

59. F'dan il-każ, jidhirli li huwa ċar li t-trasferiment fuq it-tila ma jaffettwax l-immaġni riprodotta, jiġifieri, ix-"xogħol" jew ir-riżultat tal-kreazzjoni artistika. Għall-kuntrarju, il-mertu tat-trasferiment jinsab fil-fatt li l-immaġni oriġinali hija riprodotta eżattament fuq it-tila. Għaldaqstant, minn naħa, ix-xogħol oriġinali ma huwiex traspost f'lingwaġġ artistiku differenti minn dak li fih dan ġie maħluq, lanqas, min-naħa l-oħra, ma hemm distortsjoni tal-immaġni jew it-tneħħija ta' elementi mill-kompożizzjoni jew iż-żieda ta' elementi esterni għall-kreazzjoni artistika. Sa fejn huwa possibbli, hija kwistjoni li jintlaħaq l-għola grad ta' identiċità mal-oriġinal.

60. F'dawn iċ-ċirkustanzi nqis li l-każ inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistax jaqa' taħt il-kunċett ta' "adattament".

61. Għaldaqstant hemm lok li jiġi mifhum li, meta l-qorti tar-rinviju tafferma fl-ewwel domanda tagħha li r-"riproduzzjoni tkun ġiet [...] mibdula fir-rigward tal-forma", hija ma tfissirx li l-bidla eżaminata tikkostitwixxi "adattament" fis-sens tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Berna. L-espressjoni "mibdula fir-rigward tal-forma" għandha tinftiehem iktar bħala li qed tirreferi għal bidla fir-rigward tal-*media* tax-xogħol u mhux f'din tal-aħħar innifisha, jiġifieri, inkwantu prodott tal-kreazzjoni artistika.

62. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa irrilevanti jekk id-dritt ta' adattament ġiex armonizzat jew le jew jekk l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni ta' Berna huwiex applikabbli. Huwa biss importanti li d-dritt inkwistjoni huwa dak imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/29 — jiġifieri, dak li jirrikonoxxi lid-detenturi l-possibbiltà esklużiva li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu kull forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku tax-xogħol oriġinali jew tal-kopji tax-xogħol protett — u li, skont il-ġurisprudenza u l-għan stess tal-istess direttiva, jista' jitqies li din id-dispożizzjoni armonizzat kompletament ir-regola tal-eżawriment tad-dritt ta' distribuzzjoni [9], indipendentement mill-fatt li, ukoll skont il-ġurisprudenza, id-Direttiva 2001/29 "għandh[a] normalment [tingħata] interpretazzjoni awtonoma u uniformi fil-Komunità kollha" [10].

63. Fil-qosor, l-ewwel domanda għandha tiġi risposta fl-affermattiv, jiġifieri, fis-sens li d-dritt inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali huwa d-"dritt ta' distribuzzjoni" tal-kopji speċifiċi li fihom huwa inkorporat ix-xogħol tal-arti riprodott, u li, għaldaqstant, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/29 huwa applikabbli.

## C – *It-tieni domanda*

### 1. Ir-rilevanza tal-espressjoni "mibdula fir-rigward tal-forma"

64. Għaldaqstant tqum id-domanda ċentrali tal-każ, jiġifieri, jekk l-espressjoni "mibdula fir-rigward tal-forma" (jiġifieri fir-rigward tal-*media* materjali tar-riproduzzjoni) tipprekludix jew tinterrompix l-eżawriment tad-dritt ta' distribuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/29.

65. Hemm lok li wieħed imur lura għall-kliem tad-dispożizzjoni.

"Id-dritt ta' distribuzzjoni m'għandux jiġi eżawrit fil-Komunità rigward l-oriġinal jew kopji tax-xogħol, bla ħsara fejn l-ewwel bejgħ jew trasferiment ieħor ta' sidien fil-Komunità ta' dak l-oġġett isir mid-detentur jew bil-kunsens tiegħu."

66. Id-diffikultà kollha tinsab f'jekk, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-kelma "oġġett" tirreferix għall-kreazzjoni artistika jew għall-*media* materjali tagħha. Għar-raġunijiet mogħtija, jidher ċar li din tirreferi għat-tieni possibbiltà, hekk kif jaffermaw ukoll Allposters, il-Gvern Franċiż u l-Kummissjoni.

67. Bla dubju ta' xejn is-suġġett inkwistjoni ma jistax ikun ix-*xogħol* bħala *corpus mysticum*, peress li d-drittijiet tal-awtur fuq ix-*xogħol* hekk mifhum jiġu "eżawriti" biss bit-trasferiment tal-proprjetà ta' dawn id-drittijiet, filwaqt li l-eżawriment tad-dritt ta' distribuzzjoni jseħħ bit-trasferiment tal-proprjetà ta' xi ħaġa neċessarjament differenti: ġustament il-proprjetà tal-oġġett li fuqu x-xogħol ġie riprodott.

68. Fi kliem ieħor: ladarba l-proprjetà tal-oġġett (*media* materjali) hija ttrasferita, id-dritt ta' distribuzzjoni jiġi eżawrit, iżda mhux il-proprjetà tad-drittijiet tal-awtur, li s-*suġġett* tagħhom jibqa' l-kreazzjoni artistika.

9 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Laserdisken (C-479/04, EU:C:2006:549), punti 23 sa 25.

10 — Sentenza Infopaq International (C-5/08, EU:C:2009:465), punt 27.

69. Fl-opinjoni tiegħi, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-kliem tal-premessa 28 tad-Direttiva 2001/29 stess, li fiha huwa affermat li l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur "tinkludi d-dritt esklussiv biex tikkontrolla d-distribuzzjoni tax-xogħol inkorporat f'oġġett [*media*] tanġibbli"[11], u li sussegwentement tipprovdi li l-ewwel bejgħ "ta' l-oriġinal ta' xogħol jew kopji tiegħu mid-detentur tad-drittijiet jew bil-kunsens tiegħu jeżawrixxi d-dritt li jikkontrolla bejgħ mill-ġdid ta' dak l-oġġett[12], b'riferiment ċar għal dan l-"oġġett [*media*] tanġibbli"[13].

70. F'dan il-kuntest, nemmen li r-risposta għad-domanda 2(a) għandha tkun fis-sens li l-espressjoni "mibdula fir-rigward tal-forma" hija rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk l-eżawriment fis-sens tal-Arikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/29 huwiex prekluż jew interrott. Dan huwa għaliex id-dritt ta' distribuzzjoni jista' jiġi ttrasferit fir-rigward ta' kull *media* materjali possibbli jew biss fir-rigward ta' *media* speċifiċi.

2. Il-kriterji rilevanti sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' "[bidla] fir-rigward tal-forma"

71. Għaldaqstant skont it-tieni parti tat-tieni domanda hemm lok li jiġi stabbilit "liema huma l-kriterji li permezz tagħhom jista' jiġi ddeterminat jekk tkunx involuta bidla tal-forma ta' riproduzzjoni li tipprekludi jew tinterrompi l-eżawriment fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur"

72. Bi qbil mal-parir tal-Kummissjoni, f'dan ir-rigward hemm lok li jiġi eżaminat il-grad tal-bidla inkwistjoni, peress li l-element deċiżiv huwa li jiġi ddeterminat "jekk, wara l-bidla, hijiex dejjem l-*istess* beni materjali li tirrappreżenta l-kreazzjoni intellettwali tal-awtur jew jekk il-bidla magħmula fir-rigward tal-beni kkonċernata toħloqx beni materjali *oħra* li tirrappreżenta din il-kreazzjoni b'forma oħra"[14].

73. Fl-opinjoni tiegħi, f'dan il-każ in-natura tal-bidla li għaddiet minnha l-*media* materjali tal-kreazzjoni intellettwali tal-artisti hija tali li jista' wkoll jiġi sostnut li, fir-realtà, l-operazzjoni mwettqa minn Allposters tammonta għal riproduzzjoni ġdida tal-kreazzjonijiet intellettwali protetti.

74. Din l-operazzjoni tinvolvi t-trasferiment fuq it-tila ta' immaġni inizjalment riprodotta fuq il-karta, fatt li jammonta għal bidla evidenti fir-rigward tal-*media* tanġibbli li fir-rigward tagħha ġiet awtorizzata d-distribuzzjoni tax-xogħlijiet pittoriċi. Dak li jirrendi din il-bidla unika huwa li t-trasferiment fuq it-tila ma jittrasferixxix l-immaġni fuq kull tip ta' *media*, iżda biss fuq *media* tal-istess tip bħal dik li fiha huwa inkorporat ix-xogħol oriġinali. Għaldaqstant, fl-opinjoni tiegħi, għandu jiġi vverifikat jekk id-dritt verament inkwistjoni huwiex id-dritt ta' distribuzzjoni jew, iktar importanti, id-dritt ta' riproduzzjoni tax-xogħol artistiku fit-totalità tiegħu; jiġifieri, bħala xogħol sħiħ magħmul minn immaġni inkorporata f'*media* speċifika. Fi kliem ieħor, jista' jiġi sostnut li Allposters ma tillimitax ruħha li tiddistribwixxi, fuq karta, immaġni oriġinarjament inkorporata f'tila, iżda li, fir-realtà hija tirriproduċi l-kreazzjoni artistika sħiħa. B'mod definittiv hija ma tikkummerċjalizzax l-*immaġni ta' pittura*, iżda *ekwivalenti tal-pittura fiha nfisha*.

75. Issa, mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni din l-aħħar kunsiderazzjoni u skont il-kliem li bih il-Hoge Raad għamlet din id-domanda preliminari, hekk kif indikajt fil-punti 49 sa 53, ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun limitata għad-determinazzjoni ta' jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-bidla magħmula minn Allposters tammontax għal bidla tal-*media* materjali tant kbira li din tinvolvi, għall-inqas, distribuzzjoni tax-xogħlijiet riprodotti li fir-rigward tagħha d-dritt mogħti lil Pictoright mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/29 ma ġiex eżawrit.

11 — Korsiv miżjud minni.

12 — Korsiv miżjud minni.

13 — Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'dan is-sens fis-sentenza UsedSoft (C-128/11, EU:C:2012:407), punt 60.

14 — Osservazzjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni, punt 59. Il-korsiv jinsab fl-oriġinal.

76. F'dan il-kuntest, jidhirli li huwa evidenti li l-bidla inkwistjoni hija suffiċjentement rilevanti u kkwalifikata sabiex jiġi konkluż li fir-rigward tal-istess bidla d-dritt ta' distribuzzjoni ta' Pictoright ma jistax jitqies bħala eżawrit. Ir-rilevanza tagħha tirriżulta mill-fatt li din il-bidla ma tammontax għal xi bidla fir-rigward tal-*media* materjali tax-xogħol iddistribwit, iżda ġustament l-użu ta' *media* li tirriżulta li hija tal-istess natura bħal dik tal-*media* li fiha ġiet oriġinarjament inkorporata l-kreazzjoni intellettwali. Dan il-fatt jagħti lil dan il-każ karattru partikolari ħafna, li jiddistingwixxih mill-każijiet imsemmija iktar 'il fuq li fihom il-*media* użata għad-distribuzzjoni tal-kreazzjoni intellettwali hija ta' natura tali li ma tistax tagħti lok għal konfużjoni max-xogħol oriġinali. Eżempju tipiku huwa dak tal-*collages* imsemmi mill-Gvern tar-Renju Unit.

77. Fl-opinjoni tiegħi għandu jkun biżżejjed li jiġi konkluż li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-bidla mwettqa minn Allposters hija suffiċjentement sinjifikattiva sabiex jitqies li kien hemm bidla sostanzjali fil-*media* tanġibbli tax-xogħol protett bir-riżultat li l-eżawriment tad-dritt ta' distribuzzjoni għandu jiġi eskluż. Barra minn hekk inqis li ma jkunx xieraq li tingħata deċiżjoni astratta dwar il-kundizzjonijiet li, b'mod ġenerali, għandhom ikunu ssodisfatti sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' bidla li hija suffiċjenti għall-finijiet tal-esklużjoni tal-eżawriment tad-dritt ta' distribuzzjoni. Għall-kuntrarju, dan il-każ jikkonċerna d-determinazzjoni, mill-qorti, tal-portata ta' dispożizzjoni leġiżlattiva, li tista' ssir biss każ b'każ, fl-okkażjoni ta' proċeduri suċċessivi relatati ma' tilwimiet konkreti u individwali.

78. B'mod definittiv, nemmen li, f'dan il-każ, id-dritt ta' Pictoright li tikkontrolla d-distribuzzjoni tar-riproduzzjonijiet tax-xogħlijiet ikkonċernati ma ġiex eżawrit mal-ewwel bejgħ tal-posters, peress li dak li Allposters trid tiddistribwixxi huwa bla dubju ta' xejn "ħaġa oħra", irrispettivament minn jekk din il-"ħaġa oħra" inkisbitx bl-użu tal-manipulazzjoni tal-imsemmija posters, fatt li huwa inċert u li ma jistax ikun determinanti.

3. Il-ġurisprudenza nazzjonali rilevanti f'dan il-każ u l-kompatibbiltà tagħha mad-dritt tal-Unjoni

79. It-tielet u l-aħħar parti tat-tieni domanda tirreferi għall-kompatibbiltà tal-ġurisprudenza Olandiża (ġurisprudenza Poortvliet) mad-dritt tal-Unjoni.

80. Skont l-espożizzjoni tal-Hoge Raad, din il-ġurisprudenza ssostni li, bħala prinċipju, "ikun hemm tqegħid ġdid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku [...] jekk il-kopja kkummerċjalizzata mid-detentur tad-dritt tiġi żvelata lill-pubbliku taħt forma oħra, u b'hekk tagħti lok għal possibbiltà ġdida ta' esplojtazzjoni għall-benefiċċju tal-persuni li jikkummerċjalizzaw din il-forma ġdida tal-kopja oriġinarjament iddistribwita" [15].

81. F'dan il-kuntest, jidhirli li huwa ċar li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex mitluba tiddeċiedi dwar il-fondatezza tal-ġurisprudenza nazzjonali. Hija għandha biss tindika lill-qorti tar-rinviju li hija din tal-aħħar li għandha — fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-Direttiva 2001/29 mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja u b'attenzjoni għall-kriterji pprovduti lilha għall-applikazzjoni ta' din id-direttiva għall-każ inkwistjoni — tiddetermina jekk din il-ġurisprudenza hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

15 — Digriet tar-rinviju, punt 3.3.

## VII – **Konklużjoni**

82. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula bil-mod li ġej:

"1) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni, jirregola l-kwistjoni ta' jekk id-dritt ta' distribuzzjoni tad-detentur tad-drittijiet tal-awtur jistax jiġi eżerċitat fir-rigward ta' riproduzzjoni ta' xogħol protett mid-drittijiet tal-awtur li jkun inbiegħ u ġie kkunsinnat fiż-Żona Ekonomika Ewropea mid-detentur tad-drittijiet jew bil-kunsens tiegħu, meta din ir-riproduzzjoni tkun ġiet sussegwentement mibdula fir-rigward tal-forma tagħha u tiġi kkummerċjalizzata mill-ġdid f'din il-forma.

2) a) Il-fatt li jkun hemm bidla bħal dik imsemmija fid-domanda 1 għandu impatt fuq ir-risposta għall-kwistjoni ta' jekk l-eżawriment, fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, ikunx prekluż jew interrott.

b) Fil-każ bħal dak diskuss fil-proċeduri prinċipali, il-bidla li tikkonsisti fl-użu ta' *media* materjali tal-istess natura bħal dik tax-xogħol oriġinali teskludi l-eżawriment tad-dritt ta' distribuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/29.

c) Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk il-kunsiderazzjonijiet preċedenti jħallux marġni għall-kriterju ġurisprudenzjali żviluppat fid-dritt intern tal-Pajjiżi l-Baxxi."